**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Il-Pulizija**
**(L-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni)**
**(Spettur Hubert Gerada)**

vs.

**Mohammed Zakaria**

**u**

**Mostafa Ali Yaaqoub**

Numru: 3/2021

Illum is-sebgħa (7) ta' April 2021

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

**Mohammed Zakaria**, ta' wieħed u tletin (31) sena, bin Zakaria u Umbashar, imwieled is-Sudan fit-2 ta' Lulju 1989, detentur tan-numru tal-Pulizija 20A-241, nazzjonalita' Sudaniża u jirrisjedi ġewwa ċ-Ċentru miftuħ Ħal Far, limiti Birżebbuġa

u

**Mostafa Ali Yaaqoub**, ta' wieħed u għoxrin (21) sena, bin Ali u Housna, imwieled is-Sudan fl-1 ta' Lulju 1999, detentur tan-numru tal-Pulizija 19O-039, nazzjonalita' Sudaniża u jirrisjedi ġewwa ċ-Ċentru miftuħ Ħal Far, limiti Birżebbuġa

akkużati talli fis-6 ta' April 2021 f'dawn il-Gżejjer:

1. meta kellhom fil-pussess tagħhom dokumenti maħruġa minn awtorità kompetenti, ċioé Dokument tal-Ivvjaggar ta' Malta bin-Numru 0019189 maħruġ f'isem Usman Adam Abdulla, u Permess tar-Residenza ta' Malta bin-numru MT1011396 maħruġ f'isem Usman Adam Abdulla u Dokument tal-Ivvjaġġar ta' Malta bin-numru MT800314 maħruġ f'isem Issa Mohammed, u Permess tar-Residenza ta' Malta bin-numru MT9103729 maħruġ f'isem Issa Mohammed ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna oħra jew irċevew dokumenti li ġew ittrasferiti lilhom minn persuna oħra (Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw jagħmlu użu minn dokument maħruġ lil persuni oħra, ċioé dawk diġa msemmija (Artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz lil-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>Lil **Mostafa Ali Yaaqoub** wahdu akkużat ukoll talli</u>:

4. sar reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. M. Farrugia LL.D. nhar l-24 ta' Frar 2020, liema sentenza saret definitiva u ma tistghax tiġi mibdula.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħhom u semgħethom jikkonfermaw l-ammissjoni tagħhom anke wara li l-Qorti tagħthom żmien jirrikunsidraw l-pożizzjoni tagħhom.

Semgħet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputati u dana fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati.

Illi, meta tiġi biex tikkunsidra l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tieħu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: il-fedina penali (Dok. "HG 10" u Dok. "HG 11" – *a fol.* 19 u 20)) tal-imputati, in-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tagħhom. *Stante* li l-imputat Mostafa Ali Yaaqoub jinsab akkużat ukoll bir-reċidiva u ser jinstab ħati tal-istess, il-piena fil-konfront tiegħu ser tkun differenti minn dik tal-imputat l-ieħor.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li:

fir-rigward ta' <u>Mohammed Zakaria</u>, rat Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta,

u

fir-rigward ta' <u>Mostafa Ali Yaaqoub</u>, rat Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta,

fuq ammissjoni, issib liż-żewġ imputati Mohammed Zakaria u Mostafa Ali Yaaqoub ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u

filwaqt li:

tikkundanna lil Mohammed Zakaria għal perijodu ta' seba' (7) xhur priġunerija,

tikkundanna lil Mostafa Ali Yaaqoub għal perijodu ta' tnax (12)-il xahar priġunerija

___________________________
**Dr. Neville Camilleri**
**Maġistrat**

___________________________
**Ms. Christine Farruġia**
**Deputat Reġistratur**